MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru. 103/2012

Il-Pulizija
(Sp Sylvana Briffa)
vs
Graziella Richard, bint Gerald, imwieleda Pieta' fis-16 ta' Marzu, 1980, karta ta' l-identita numru 158980(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli matul il-perjodu ta' bejn Ottubru, 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, f'dawn il-Gzejjer, approprjat ruħha, billi dawwret bi profit għailha jew għal persuna oħra s-somma ta' €893.34 liema somma ġiet ffdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, ta' Nicolai Vukovic minn Birżebbuġia u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fej ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2012 fejn Nicolai Vukovic informa l-Qorti li l-ammont ġie ritornat mill-imputata, li hi l-ex mara tiegħu, u ma għandhux aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputata ammetiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------